**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 172/2021 AGV;</u>**

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 29 ta' April 2021, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-paritjiet zzewwgu fil- 31 ta' Mejju 1996, hekk kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg , immarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet ghandhom zewg ulied D u E ahwa B, li llum huma maggorenni;

3. Illi l-partijiet isseperaw legalment b’ kuntratt redatt min-nutar Dr. Edward Flores tat- 3 ta’ April 2017, Dok. B;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazjzoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;
5. Illi kwalunkwe hlas ta’ manteniment dovut bejn il-partijirt, skont il-kuntratt ta’ separazzjoni, fuq imsemmi, qed jithallas b’ mod regolari skont kif stipulat fil-kuntratt.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti , umilment jitolb lil din Onorabbli Qorti sabiex ;**

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 25 ta’ Mejju 2021, il-konvenuta iddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |